**Laqgha Numru 03/K6/2012**

**Introduzzjoni**

It-Tielet Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Lauro Fava ***(li wasal fil-5.52pm)***, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-10 ta' Jannar 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 29/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 29/K6/2011.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2012 (Laqgha tal-Lokalita').**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2012 (Laqgha tal-Lokalita').**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati.**

**12. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarja ghas-sena 2012.**

**13. Approvazzjoni tal-Business Plan ghas-snin 2012-2014.**

**14. Relazzjoni ma' Bergen fil-Germanja.**

**15. Decizjoni dwar Tenders 08 u 10/2011, kwotazzjonijiet 29, 30, 33, 35 u 36/2011 u s-servizzi ta' Green Pak.**

**16. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**17. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 29/K6/2011.

1.01. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 29/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 29/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 29/K6/2011 item 2.01 u ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.06 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li kienet ser issir spezzjoni tas-sit fejn il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jigu ndukrata minn diversi residenti, kif ukoll fejn din l-ispezzjoni kellha ssir fil-gimghat li ghaddew flimkien u fil-prezenza ta' membri ohra tal-Kunsill fejn wara ser issir pjanta dettaljata ta' kull sit, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li minhabba xoghol kif ukoll minhabba l-maltemp li kien hemm matul l-ahhar jiem kien qal li ser jipprova li din issir sa laqgha ohra, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li minhabba li s-Sindku mhux prezenti din ghandha tithalla ghal darb'ohra.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 29/K6/2011 item 2.03, ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.12 u ghall-Minuti 27/K6/2011 item 6.24 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jara xi spejjez hemm bzonn biex jithadmu l-kompjuters li l-Kunsill ircieva minghand l-MCA, kif ukoll li l-Kunsill jixtri hadid hollow section biex jigu nfurzata l-imwejjed li ghandu l-Kunsill, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li s-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol ghadu qed isir.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 29/K6/2011 item 2.06 u ghall-Minuti 28/K6/2011 item 6.50 u ghall-korrispondenza numri **46/7060/11/I u 46/7121/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex rigward l-ilma li qed ikun hemm quddiem Blokk 10, il-Kunsill ghandu jinforma lil TM biex issir spezzjoni u tirrimedja kif ukoll kien ippropona li ghandhom jitnehhew il-yellow lines li hemm mad-dawra tal-blokk biex ir-residenti ikollhom fejn jipparkjaw, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kif kien mitlub kien ikkomunika mar-resident koncernat fejn dan ta' l-ahhar ikkonferma li t-talba tieghu hija li jitnehhew id-double yellow lines kollha li hemm mad-dawra tal-blokk minhabba li qed jaqilghu citazzjonijiet minghand il-Gwardjani Lokali.

2.04. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba minhabba li dawn il-linji kienu saru bi skop biex ikun hemm lok li jkun hemm access liberu ghall-vetturi t'emergenza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona wkoll li s-sinjur ghandu jigi mheggeg biex jiltaqa' mal-Kunsill.

2.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

***2.07. Fil-5.52pm, il-Kunsillier Lauro Fava nghaqad fil-laqgha.***

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2012 (Laqgha tal-Lokalita').

3.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 01/K6/2012 (Laqgha tal-Lokalita') kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2012 (Laqgha tal-Lokalita’).

4.01. B’riferenza ghall-Minuti 01/K6/2012 item 1.07 fejn is-sur John Dimech irrimarka li wara li parti minn Triq G. Henin saret One Way, qed tinholoq problema fit-traffiku minhabba li t-toroq tal-gnub m’humiex addattata biex jiehdu t-traffiku kollu u rrakkomanda li l-One Way ghandha tkun biss waqt il-hinijiet ta’ l-iskola, l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li TM ghandha tintalab tikkunsidra li l-access fi Triq G. Henin ghandha tkun maghluqa biss waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug tat-tfal ta’ l-iskola u l-hinijiet ghandhom isiru wara konsultazzjoni mal-Kap ta’ l-Iskola Primarja.

4.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.04. B’riferenza ghall-Minuti 01/K6/2012 item 1.14 fejn is-Sur Anthony Portelli kien ilmenta li r-rotta 120 taghmel hin wieqfa fil-Park & Ride u ghalhekk ikun aktar ghaqli li l-hin mitluf, minflok titla’ San Patrizju u b’hekk jinghata servizz ahjar kif ukoll li l-probabilita’ li l-120 tasal tard huwa minhabba l-fatt li din tkopri l-itwal rotta f’Malta fejn minn Pembroke tmur sax-Xghajra u ghalhekk irrakkomanda li l-Kunsill jitlob li din ir-rotta tiqsar u jkun hemm inkluz San Patrizju, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tintalab laqgha ma’ TM dwar dan.

4.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07. B’riferenza ghall-Minuti 01/K6/2012 item 1.21 fejn is-Sur Ivan Privitera lmenta li hemm numru ta’ kaxxi tal-plastik fuq il-bankina l’ilhom miksura xhur, li hemm bzonn ta’ pelican lights fuq iz-zebra crossing li hemm fit-triq il-gdida kif ukoll li jsiru rampi fit-truf biex ikun hemm access ahjar, li hemm arblu minghajr uzu f’nofs il-bankina fi Triq Normandy li ghandu jitnehha kif ukoll li huwa t’inkonvenjent kif ukoll ilmenta li Triq Gioacchino Le Brun hija One way fid-direzzjoni lejn San Giljan minhabba li qed johloq periklu bla bzonn ghal min ikun gej minn Triq Normandy u jrid jidhol ghal Triq Gioacchino Le Brun u ghalhekk talab li din tinbidel, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dwar l-arblu ghandha tikiteb ittra lill-Korporazzjoni Enemalta biex dan jitnehha, li dwar il-bankina din ghandha tinhareg works order lill-J&K Contractors biex titbaxxa, dwar iz-zebra crossing tintalab laqgha ma’ l-Enemalta vis-a-vis il-progett propost tal-picnic area, u dwar Triq Gioacchino Le Brun ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

4.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 102/2011** b’rapport tal-Bord ta’ l-Ghazla ta’ Tender 05, 08 u 11/2011 **(Ara Dok. B); Internal Memo 01/2012** b’rapport t’azzjonijiet mehuda bejn laqgha 29/K6/2011 u 02/K6/2012 **(Ara Dok. C); Internal Memo 02/2012** b’rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha

29/K6/2011 u 02/K6/2012 **(Ara Dok. D)** u Kopja tal-flyer dwar korsijiet u dwar il-laqgha tal-lokalita' 2012 **(Ara Dok. E u F).**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 5.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-8 ta' Dicembru 2011 u t-18 ta' Jannar 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/7337/11/I** 09/12/2011 — Email li s-Sindku Joe Zammit baghat lill-Avv. J. Scerri Ferrante jinfurmha li c-cirkulari dwar il-parking spaces ser terga' tinhareg f'Jannar 2012.

8.08 B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7337/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7344/11/I** 09/12/2011 — Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema Accessibilita' Ahjar fil-Lokalitajiet fejn il-Kunsill Lokali Pembroke ibbenefika minn €3,300 liema xoghol irid jitlesta' fi zmien sena. It-talba tal-Kunsill kienet ghal €5,122.85 (09/08/2011).

8.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7344/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk ikunx ghaqli li dan ix-xoghol jigi nkuz ma' xoghol iehor li hemm bzonn isir fil-playing fields.

8.10. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din tigi diskussa ladarba jintemm il-process li hemm f'Appell fuq il-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

8.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7359/11/I** 12/12/2011 — Email minghand resident ta' Sit A jilmenta li qed ikun hemm rebus shih fil-parking minhabba nuqqas ta' spazju li hemm fl-akwata.

8.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7359/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill jinforma lir-resident koncernat li l-parkegg tal-blokk, il-Kunsill m'ghandux gurisdizzjoni fuqu kif ukoll li z-zona hi dik li hi.

8.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7360/11/I** 12/12/2011 — Email minghand Ms. Agnes Muscat titlob laqgha mas-Sindku.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7360/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din ghandha tigi riferuta lis-Sindku Joe Zammit.

**46/7361/11/I** 12/12/2011 — Estratt ta' artiklu ppubblikat fuq it-Torca li jindika li Pembroke kien wiehed minn 16 il-Kunsill Lokali li baghat id-dokumenti finanzjarji fil-hin u ghalhekk ma wehel ebda multa kif wehlu Kunsilli ohra.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7361/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7362/11/I** 12/12/2011 — Email minghand is-Sindku Joe Zammit dwar il-kaz ta' l-Onorarja, jinforma lill-Kunsill li huwa ser jirrifondi lura lill-Kunsill l-ammont li kien ircieva mill-Kunsill dak ta' €2,048.87.

**46/7591/11/I** 19/12/2011 — Email minghand l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante tinforma lill-Kunsill li l-hlas li ma sarx ghax-xhur Ottubru sa Dicembru, inkluz l-allowance ta' Dicembru, in-net effect taghhom ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut ta' refuzjoni.

8.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7362/11/I u 46/7591/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit diga kien beda jirrifondi lura billi ma hax l-Onorarja ta' Ottubru, Novembru u Dicembru jigifieri €424.33 kull darba ghal total ta' €1,272.99. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-bilanc li fadal ser jitnaqqas mill-Onorarja ta' Jannar 2012 u parti minn ta' Frar 2012.

**46/7404/11/I** 14/12/2011 — Kopja ta' korrispondenza li l-Ghaqda Anzjani Pembroke kellhom mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment dwar devoluzzjoni ta' sit li hemm bejn Triq Camillo Sciberras u Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.

8.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7404/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill jibqa' jinsisti biex jinghata s-sit indikat bhala devoluzzjoni.

8.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li ghandha tintalab laqgha ma' l-Onor. Ministru Jason Azzopardi.

8.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7559/11/I** **17/12/2011**
**46/7431/11/I** 15/12/2011
**46/7561/11/I** 17/12/2011 — Stima minghand Simler's Confectionery ghall-bibita li ser issir wara l-laqgha ta' nhar Erbgha 21 ta' Dicembru, iffinanzjata mill-MTA vis-à-vis progetti li ser isiru fil-lokal mill-MTA.

**46/7420/11/I** 14/12/2011 — Stima minghand Paparukei Catering ghall-bibita li ser issir wara l-laqgha ta' nhar Erbgha 21 ta' Dicembru, iffinanzjata mill-MTA vis-à-vis progetti li ser isiru fil-lokal mill-MTA.

**46/7432/11/I** 15/12/2011 — Stima minghand Neriku Catering ghall-bibita li ser issir wara l-laqgha ta' nhar Erbgha 21 ta' Dicembru, iffinanzjata mill-MTA vis-à-vis progetti li ser isiru fil-lokal mill-MTA.

**46/7537/11/I** 16/12/2011 — Email minghand l-MTA jinfurmaw lill-Kunsill li qed jaccettaw li l-Kunsill

jordna l-ikel minghand Simler u l-MTA ser ihallsu ghall-ispejjez involuti.

8.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7559/11/I, 46/7431/11/I, 46/7561/11/I, 46/7420/11/I, 46/7432/11/I u 46/7537/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li wara konsultazzjoni kemm mal-membri tal-Kunsill kif ukoll ma' l-MTA intghazlet l-offerta ta' Simler's Confectionery. Il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jirratifika din id-decizjoni u dan fid-dawl li l-hlas ser isir mill-MTA.

8.23. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/7424/11/I** 14/12/2011 | Email minghand l-FTZ dwar Progett ta' l-EU (ELIH-Med Project on Low-Income Housing) fejn qed jistaqsu jekk il-Kunsill jixtieqx jippartecipa billi wara sejha pubblika l'issir, ikun jista' jsir studju fuq familji fil-bzonn biex inaqqsu l-konsum ta' l-energija. |

8.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7424/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jiltaqa' ma' l-FTZ fuq dan il-progett.

8.26. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/7429/11/I** 15/12/2011 | Ittra minghand is-sur Raymond Sammut, jinforma lill-Kunsill li huwa hawker u li jixtieq jibda jarma l-kiosk tal-ikel tieghu quddiem Blokk 5 faccata ta' l-ITS u staqsa jekk il-Kunsill isibx oggezzjoni. |
| **46/7675/11/I** 23/12/2011 | Ittra minghand id-Dipartiment Estate Management jinforma lill-Kunsill li s-Sur Sammut, biex ikollu post fiss kif jixtieq biex ikollu arlogg tad-dawl, irid l-ewwel igib il-permess tal-MEPA u eventwalment jitlob permess ta' encroachment mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. |

8.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7429/11/I u 46/7675/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li sakemm is-Sindku Joe Zammit ma jkunx prezenti, il-Kunsill ghandu jitlob laqgha mas-sur Sammut fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit sabiex is-Sindku Joe Zammit jispjega kif dan qed jghid l'inghata permess mis-Sindku, liema permess inhareg minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, jekk inhareg. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghal din it-talba.

8.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet l'illum il-Kunsill ircieva email minghand SAS Radisson Bay Point fejn dawn qed joggezzjonaw ghal din il-gabbana. **(46/0465/12/I)**

8.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/7450/11/I** 15/12/2011 | Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Ghajnuna ta' €466.00 lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabbilita' ta' Librerija lokali. L-iskema taghlaq il-Gimgha 27 ta' Jannar 2012. |

8.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7450/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill jiehu sehem f'din l-iskema.

8.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7451/11/I** Risposta minghand l-Avukat tal-Kunsill Dr. L. Busuttil jinforma lill-Kunsill li

| | |
|---|---|
| 15/12/2011 | fuq il-kaz li talab parir il-Kunsill dwar persuna li tidher fuq ritratt abbazi t'ilment, min hadu m'huwa jikser ebda Ligi tal-Protezzjoni tad-Data. |

8.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7451/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/7506/11/I** 16/12/2011 | Email minghand l-AKL biex tiggedded il-Polza Assigurazzjoni ta' Flus ghas-sena 2012 ghall-prezz ta' €63.00. |

8.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7506/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill japprova li din il-polza t'assigurazzjoni tiggedded.

8.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/7510/11/I** 16/12/2011 | Email minghand l-AKL biex tiggedded il-Group Health Insurance Policy ghas-sena 2012 ghall-prezz ta' €56.00 il-persuna. |

8.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7510/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill igedded din il-polza ghall-membri eletti tal-Kunsill u l-istaff.

8.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/7512/11/I** 16/12/2011 | Memo 121/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Gheluq tas-sena finanzjarja. |

8.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7512/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jiehu hsieb li jsir dak mitlub.

| | |
|---|---|
| **46/7524/11/I** 16/12/2011 | Email minghand Pembroke Dock jinfurmaw lill-Kunsill li ma jistghux jirrispondu lill-Kunsill f'qasir zmien dwar il-proposta tal-progett ta' l-EU Europe for Citizens. |
| **46/0024/12/I** 02/01/2012 | Rakkomandazzjoni minghand is-Sindku Joe Zammit biex jekk mhux problema l-applikazzjoni li ser jaghmel il-Kunsill ghall-progett 1.2 Networks of Twinned Towns, il-Kunsill japplika ghal Gunju u mhux ghal Frar 2012. |

8.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7524/11/I u 46/0024/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill, jekk huwa possibbli jiehu sehem fil-perjodu li jaghlaq f'Gunju.

8.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/7526/11/I** 16/12/2011 | Memo 122/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta' finanzjament ghal restawr ta' postijiet zghar. L-applikazzjonijiet jaghlqu nhar id-9 ta' Frar 2012. |

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7526/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jistaqsi lid-Dipartiment dwar kemm il-Kunsill jista' jibbenefika minn din l-iskema.

8.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill jistaqsi lill-Perit dwar ix-xoghol li hemm bzonn inkluz kemm hija l-ispiza biex jigu restawrata l-kmamar li hemm taht il-Batterija ta' Pembroke.

8.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7527/11/I** 16/12/2011 Email minghand is-sur Charles Cesare (MRRA) jinforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 19 ta' Dicembru 2011 ser issir laqgha biswit il-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta dwar xi xoghol li hemm bzonn isir.

**46/7589/11/O** 19/12/2011 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghal din il-laqgha, flimkien mieghu kien hemm prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Kien hemm prezenti wkoll is-sur Alfred Debono u Alex Mifsud f'isem Pembroke Athleta. Is-sur Cesare informa lil dawk prezenti li fuq talba ta' Pembroke Athleta, il-Ministeru ser jara li jigi rrangat is-sit li hemm bejn il-klabb u t-trejqa ta' wara Sit A biswit il-kamra tad-dranagg. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, bl-ghajnuna ta' l-MTA, ipprovda pjanta tal-progett li ser isir mill-MTA sabiex jekk huwa possibbli z-zona kollha tkun koperta kif ukoll talab lis-sur Cesare jekk huwiex possibbli li l-Ministeru jikkunsidra li fejn hemm it-trejqa, issir ukoll bankina biex tintuza mill-mijiet ta' tfal li jattendu f'dawn il-facilitajiet.

8.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7527/11/I u 46/7589/11/O** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7584/11/I** 19/12/2011 **46/7671/11/I** 23/12/2011 Risposta minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti vis-a-vis haddiema tal-Gvern u kuntratti.

8.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7584/11/I u 46/7671/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li minn din ir-risposta li ghalkemm mhux cara, jista' jaghti lil wiehed x'jifhem li haddiem tal-Gvern ma jistax jahdem ma' kuntrattur jew li jkun kuntrattur. Fid-dawl ta'dan il-kelliem ipproponiet li l-Kunsill jitlob ghal kjarifika cara fuq dan is-suggett.

8.51. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.52. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena minhabba nteress.

8.53. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/7588/11/I** 19/12/2011 Kwotazzjoni minghand Hamilton Travel konnessa mal-working group li ser isir f'Tureul fi Spanja mal-kumpanija Ryanair izda d-dati huma differenti minn dak li talab il-Kunsill.

**46/7592/11/I** 19/12/2011 Kwotazzjoni minghand Eurotours konnessa mal-working group li ser isir f'Tureul fi Spanja ghall-prezz ta' €227.30 il-persuna apparti li hemm spiza mhux inkluza ta' lejl f'Ruma minhabba li m'hemmx titjiriet fl-istess gurnata.

**46/7608/11/I** 20/12/2011 Kwotazzjoni minghand Alpine Travel konnessa mal-working group li ser isir f'Tureul fi Spanja ghall-prezz ta' €664.47 jew €634.71 il-persuna.

**46/7627/11/I** 20/12/2011 Kwotazzjoni minghand Untours konnessa mal-working group li ser isir f'Tureul fi Spanja ghall-prezz ta' €430 il-persuna.

8.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7588/11/I, 46/7592/11/I, 46/7608/11/I u 46/7627/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7626/11/I** 21/12/2011 Ittra minghand il-Familja Agius b'risposta ghall-ittra tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill li fil-passat kellu l-katusa taht il-livell tal-bankina izda meta saru bankini godda, u dawn tbaxxew quddiem il-garaxxijiet, ma sarx plastic grid bhal ma sar quddiem djar ohra.

8.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7626/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.56. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien informa lis-Sindku Joe Zammit li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma kienetx qablet mal-kontenut ta' l-ittra li kien baghat is-Sindku f'isem il-Kunsill lill-Familja Agius.

8.57. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat bil-qawwa li waqt laqgha tal-Kunsill issir decizjoni u meta ssir l-ittra, xi hadd jaghti struzzjonijiet biex jinbidel il-kontenut ta' l-ittra.

**46/7600/11/I** 20/12/2011 Ittra minghand is-sur Daniel Attard f'isem Gigi's. Co. Ltd. jinforma lill-Kunsill li m'ghadux interessat fit-Tender 08/2011 u talab li tigi rilaxxata l-Garanzija Bankarja.

8.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7600/11/I** is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din kienet diga saret abbazi ta' decizjoni mehuda fil-laqgha precedenti tal-Kunsill.

**46/7610/11/I** 21/12/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bl-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2012 bl-ammont ta' €361,711.00.

8.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7610/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7632/11/I** 21/12/2011 Risposta minghand Roccalumera jinfurmaw lill-Kunsill li lesti li jippartecipaw fi progett ta' l-EU propost mill-Kunsill Lokali Pembroke, izda talbu aktar informazzjoni.

8.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7632/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7657/11/I** 22/12/2011 Email minghand My Destination joffru servizz lill-Kunsill biex isiru 8 virtual tours fuq l-internet ghall-prezz ta' €295.00 inkluz il-Vat. Kienet saret prezentazzjoni f'wahda mil-laqghat tal-Kunsill.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7657/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li f'dan l-istadju l-Kunsill ihoss li l-flus ghandhom jintefqu fi progetti ghall-beneficcju tar-residenti u ghalhekk din it-talba ma gietx milqugha.

8.62. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7663/11/I** Email minghand il-Librara Lara Calleja tinforma lill-Kunsill li jkun aktar

22/12/2011 ghaqli li l-Kunsill ihalli f'idejha biex tixtri l-kotba milli jintalbu listi lill-hwienet minhabba li b'hekk jistghu jigu frankati aktar flus.

8.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7663/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill ihalli f'idejn il-librara.

8.65. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7674/11/I** 23/12/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li jekk ihossuhom mhedda jew malafamati bil-kummenti tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, dawn ghandhom, fuq bazi personali, jaghmlu rapport lill-Pulizija ghal kull azzjoni li jidrilhom li hi xierqa.

8.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7674/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7722/11/O** 27/12/2011 Ittra li s-Sindku Joe Zammit baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jesigi direzzjoni u assistenza minghand id-Dipartiment dwar l-aggudikar tat-tenders u dan vis-à-vis l-allegazzjonijiet u pressjonijiet mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

8.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7722/11/O** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu attendew huwa u s-Sindku Joe Zammit.

**46/7723/11/I** 27/12/2011 Memo 123/2011 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Projbizzjoni ta' Tipjip fi Playgrounds jew Gonna Pubblici fejn il-Kunsilli qed jintalbu li jsiru tabelli li juri dan.

8.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7723/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li la darba dan huwa nfurzar u li jekk isiru xi citazzjonijiet jitilghu fit-tribunal allura l-Kunsill ghandu jitlob li dawn it-tabelli ghandhom isiru mir-Regjun halli jkunu uniformi u bl-istemma tar-Regjun u jithallsu mill-fondi tar-Regjun stess.

8.70. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7732/11/I** 28/12/2011 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li Pembroke gie allokat l-ammont ta' €2,000 bhala parti mill-iskema inizjattivi u attivitajiet ghas-sena 2012, liema attivita' hija skedata ghall-5 ta' Mejju 2012.

**46/7799/11/I** 30/12/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitolbu konferma li l-Kunsill ser jorganizza l-attivita' nhar il-5 ta' Mejju 2012 bl-isem – Promoting our local heritage and cultural diversity.

8.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7732/11/I u 46/7799/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-istima li kien baghat il-Kunsill ghal din l-attivita' kienet ta' €11,000 u ghalhekk talab indikazzjoni ta' kif il-Kunsill ser jiffinanzja d-differenza.

8.73. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din ghandha tigi diskussa darb'ohra.

8.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li jkun ghaqli jekk il-Kunsill ikollu nformazzjoni dwar jekk l-attivita' tistax ticcekken biex issir bl-ammont li ser jinghata l-Kunsill minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

8.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7754/11/I** 28/12/2011 Stima minghand il-J&K Contractors dwar hsara li saret mill-Arriva.

8.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7754/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex issir talba lill-Arriva ghall-hlas ta' dan u jintbaghat ukoll ir-rapport li sar lill-Pulizija.

8.77. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7780/11/I** 30/12/2011 Invit lis-Segretarji Ezekuttivi ghal Seminar organizzat minn NAO dwar Audit of EU funded projects at the Local Government level li ser isir nhar il-Hamis 26 ta' Jannar 2012.

8.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7780/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan is-seminar gie pospost.

**46/7801/11/I** 30/12/2011 Memo 124/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Sejha ghall-offerti ta' Servizzi ta' Authorised Officers.

8.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7801/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din tghodd ghar-Regjuni.

**46/0035/12/I** 02/01/2012 Talba minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex Triq Falaise tinghalaq ghat-traffiku waqt il-hinijiet tad-dhul u l-hrug tat-tfal ta' Sir Luigi Preziosi.

**46/0081/12/O** 03/01/2012 Risposta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-Kunsill jaqbel li Triq Falaise tkun maghluqa ghat-traffiku ghall-perjodu ta' 30 minuta filghodu u 30 minuta wara nofsinhar.

8.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0035/12/I u 46/0081/12/O** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill japprova li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni biex Triq Falaise tinghalaq ghall-perjodu ta' 30 minuta filghodu u l-istess wara nofsinhar fil-hinijiet tad-dhul u hrug tat-tfal kif ukoll l'issir laqgha mal-Kap ta' l-iskola dwar l-gheluq ta' Triq Sir Luigi Preziosi ukoll.

8.82. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0128/12/I** 05/01/2012 Appell minghand il-Perit Samuel Formosa ghad-decizjoni tal-Kunsill dwar Tender 05/2011.

8.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0128/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li l-appell diga gie depozitat id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll li gie nfurmat l-Avukat tal-Kunsill.

**46/0137/12/I** 05/01/2012 Statistika minghand id-Dipartiment tal-Libreriji li matul 2010 inhargu 2,761 ktieb u matul 2011 inhargu 3,007 mil-librerija ta' Pembroke.

8.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0137/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0139/12/I** 05/01/2012 Nota minghand il-Bord tal-Governanza li l-ewwel laqgha saret nhar il-Hamis 12 ta' Jannar 2012.

8.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0139/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0140/12/I** 05/01/2012 — Risposta minghand l-MTA li l-MTA ser tiehu hsieb li wara li jsir il-progett tal-gnien u l-passagg, ser isir fuljett informattiv.

8.87. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0140/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0160/12/I** 06/01/2012 — Risposta minghand id-DGL jinforma lill-Kunsill li d-Dipartiment m'ghandu ebda komunikat fir-rigward ta' bdil tal-hinijiet tax-xoghol tal-impjegati ghall-perjodu tas-Sajf.

8.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0160/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din ghandha tigi diskussa aktar il-quddiem.

**46/0174/12/I** 06/01/2012 **46/0334/12/I** 13/01/2012 — Stedina minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali dwar Progett ta' l-EU – Demostrating of the feasibility of electrical vehicles towards climate change mitigation – DemoEV. Risposta trid tinghata sa l-20 ta' Jannar 2012.

8.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0174/12/I u 46/0334/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.90. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li sa l-20 ta' Jannar 2012 il-Kunsill irid jipprovdi s-siti koncernati u r-raguni kif ukoll site plan fuq ACAD ghall-permess tal-MEPA. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li fuq dan il-progett kien hemm laqgha fil-jiem li ghaddew fejn kellu jattendi s-Sindku Joe Zammit.

8.91. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li b'dispjacir apparentament hadd mill-membri tal-Kunsill m'attenda.

**46/0177/12/I** 06/01/2012 — Memo 04/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Linji Gwida ghall-Hatra ta' Segretarji Ezekuttivi fil-Kunsilli Lokali.

8.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0177/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0187/12/I** 09/01/2012 — Ittra minghand il-Verdala International School jinfurmaw lill-Kunsill li huma lesti li johorgu sa massimu ta' €2,000 ghalkemm huma nghataw parir li suppost l-ispiza ghandha tinhareg kollha mill-Kunsill.

8.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0187/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Verdala International School fuq is-suggett.

8.94. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.96. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk tigi accettata l-proposta tal-Verdala International School, din ser tfisser spiza lill-Kunsill ta' madwar €2,535.00. **(Ara dok. G)**

**46/0191/12/I** 09/01/2012 — Risposti minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn dwar **a)** l-Evalwazzjoni tax-xoghol li hemm bzonn isir fil-gonna indika li dawn saru lura 2009/2010 u ghalhekk l-istimi m'ghadhomx validi izda offra li jekk il-Kunsill jixtieq ix-xoghol jista' jerga' jsir; **b)** Dwar l-ispezzjonijiet tat-toroq fl-akwati ta' l-ITS informa lill-Kunsill li kienu saru applikazzjonijiet ghall-iskemi ta' finanzjament l'izda qatt ma mmaterjaw; **c)** Dwar il-bankina ta' Triq FX Caruana il-Perit irrakkomanda li jsir survey dettaljat tal-livelli biex forsi tinstab soluzzjoni minghajr ma jkun hemm tibdil fil-linji ezistenti – (Is-Sindku

Joe Zammit irrimarka li fil-fatt il-Kunsill ghamel xoghol ta' tiswija bic-cement mill-haddiem taghna f'din il-bankina); **d)** dwar il-kontijiet ta' Ells' Urban Services il-Perit informa lill-Kunsill li la darba l-kuntrattur qatt ma provda kontijiet, ix-xoghol qatt ma seta' jigi ccertifikat izda la darba il-Kunsill jircievi l-kont isir ic-certifikazzjoni.

8.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0191/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0208/12/O** 09/01/2012 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u lill-Avukat tal-Kunsill dwar appell li sar fuq it-tender il-gdid tal-Perit, il-Kunsill jistax igedded it-Tender l-antik sabiex ma jispiccax minghajr is-servizz ta' Perit.

**46/0211/12/I** 09/01/2012 Risposta minghand l-Avukat tal-Kunsill li l-Kunsill jista' jgedded it-Tender tal-Parit Kevin Fsadni sakemm jinqata' l-appell li sar fuq it-tender il-gdid.

8.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0208/12/O u 46/0211/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex abbazi tal-parir ta' l-Avukat, il-Kunsill ghandu jgedded il-kuntratt li kellu l-Kunsill mal-Perit Kevin Fsadni sakemm jintemm il-process ta' l-appell, liema kuntratt ghandu jiggedded ghall-perjodu successivi abbazi tal-parir ta' l-Avukat.

8.99. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0223/12/I** 10/01/2012 Applikazzjoni minghand is-sur Raymond Sammut ghall-provvista t'arlogg tad-dawl temporanju ghal ma' kiosk.

8.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0223/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0261/12/I** 11/01/2012 Email minghand Fexserv jinfurmaw lill-Kunsill li wara l-laqgha li saret qed joffru li flimkien mal-Kunsill jorganizzaw seminar edukattiv dwar l-investiment fejn offrew li jhallsu ghall-ispejjez kollha relatata.

8.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0261/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jorganizza dan il-kors edukattiv.

8.103. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0279/12/I** 11/01/2012 Email minghand is-sur Raphael Carabott b'work plan propost ghall-Cleaning & Embellishment of Urban, Non Urban & Open Areas within Pembroke Boundaries.

8.105. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0279/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jadotta dan il-programm ta' xoghol b'effett immedjat.

8.106. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.107. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Joe Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

8.108. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/0305/12/I** 12/01/2012 — Talba minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke biex jaghmlu uzu mis-sala tal-Kunsill nhar il-Hamis 9 ta' Frar biex jaghmlu laqgha.

8.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0305/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill japprova din it-talba.

8.110. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.111. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0314/12/I** 13/01/2012 — Talba minghand Malta Mountain Bike Association jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw attivita' nhar il-Hadd 29 ta' Jannar 2012 fl-akwati tal-BMX.

8.112. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0314/12/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba kif ukoll li jigu ezentata mill-hlas tal-permess.

8.113. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.114. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0315/12/I** 13/01/2012 — Draft ta' ittra li s-Sindku Joe Zammit qed jitlob li tintbaghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-aggudikar tat-tenders.

8.115. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0315/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli irrimarka li din ghandha tigi diskussa fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit.

**46/0319/12/I** 13/01/2012 — Email minghand Roccalumera jitolbu lill-Kunsill stima ta' kemm qed jigi stmat li ser tiswa biex il-Kunsill jorganizza l-Konferenza Envoy.

8.116. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0319/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li dan ir-rapport qed isir. Il-kelliema qalet li bhalissa qed isiru diversi laqghat ma' diversi Ministeri u entitajiet.

**46/0336/12/I** 13/01/2012 — Kwotazzjoni minghand Untours ghall-biljett ta' l-ajru bejn Malta u Teruel ghall-prezz ta' €260.00 il-wiehed.

**46/0338/12/I** 13/01/2012 — Kwotazzjoni minghand Alpine Malta ghall-biljett ta' l-ajru bejn Malta u Teruel ghall-prezz ta' €778.99 il-wiehed.

8.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0336/12/I u 46/0338/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dawn il-korrispondenza kienu ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0352/12/I** 16/01/2012 — Email minghand is-sur Raphael Carabott b'work plan propost ghall-Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens.

8.118. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0352/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jadotta dan il-programm ta' xoghol b'effett immedjat.

8.119. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.120. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Joe Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

8.121. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/0353/12/I** 16/01/2012 — Rapport minghand il-Perit Kevin Fsadni dwar ir-Residential Parking Scheme fl-akwati ta' Triq Normandy.

8.122. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/0353/12/I** il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex dan is-suġġett jiġi diskuss darb'oħra wara l'issir laqgħa mar-residenti konċernata.

8.123. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.124. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0354/12/I** 16/01/2012 — Rapport mingħand il-Perit Kevin Fsadni dwar ir-Residential Parking Scheme fl-akwati ta' l-Ex Parade Ground.

8.125. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/0354/12/I** il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex dan is-suġġett jiġi diskuss darb'oħra wara l'issir laqgħa mar-residenti konċernata.

8.126. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.127. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0355/12/I** 16/01/2012 — Rapport mingħand il-Perit Kevin Fsadni dwar ir-Residential Parking Scheme fl-akwati ta' San Ġorġ.

8.128. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/0355/12/I** il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex dan is-suġġett jiġi diskuss darb'oħra wara l'issir laqgħa mar-residenti konċernata.

8.129. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.130. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0358/12/I** 16/01/2012 — Email mingħand is-Sindku Joe Zammit jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg li l-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ser jibdlu r-responsabilitajiet dwar il-proġetti ta' l-EU kif ukoll li għall-mawra ta' Tureul ser imorru l-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

8.131. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/0358/12/I** il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss kienet ser issir riżulozzjoni speċjali biex jinbidel dak approvat fil-laqgħa tat-28 ta' Diċembru. Il-kelliem qal li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li minħabba l-urġenza u żmien għal-laqgħa li jmiss u wara li l-Kunsillier Joe Brincat ta l-kunsens tiegħu lill-Viċi Sindku biex jibdel minħabba li meta jkun imiss il-programm tal-Viċi Sindku, se jkun okkupat bit-twelied ta' tarbija oħra mill-mara tiegħu, il-kelliem qal li s-Sindku Joe Zammit kien ser jipproponi li jmur il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli minflok il-Kunsillier Joe Brincat u kif talab il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli, ser tassistih il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat minflok is-Segretarju Eżekuttiv, li ser ikun qed jakkumpanja lill-Kunsillier Joe Brincat meta dan imissu jmur ta' l-OSDDT.

8.132. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kif kien diġa informa lis-Sindku Joe Zammit permezz t'email b'kopja lill-Kunsilliera, dak li kien ser jipproponi jirrifletti tibdil f'deċiżjonijiet diġa meħuda f'laqgħat tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill ma jistax imur kontra dawk id-deċiżjonijiet jew li tali deċiżjonijiet jinbidlu b'sempliċiment mozzjoni oħra. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Att jesiġi li qabel isir tibdil hemm bżonn li tkun approvata rizoluzzjoni speċjali f'laqgħa tal-Kunsill. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minħabba li hemm urġenza fid-dawl li ż-żmien huwa limitat, li jista' jagħmel il-Kunsill huwa l'issir laqgħa b'urġenza u tiġi diskussa biss din il-materja. (46/0400/12/O)

**46/0363/12/I** 16/01/2012 Risposta minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li l-kwotazzjoni ta' J&K Contractors ghall-manutenzjoni ta' bankina fi Triq Camillo Sciberras, fir-rati tat-tender m'hemmx indikat taking away of excavated material and for disposal u ghalhekk huwa gustifikat li l-kuntarttur jaghmel uzu minn trakk u jitlob il-hlas ghalih sabiex ikopri l-ispejjez.

8.133. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0363/12/I** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din ghandha tigi diskussa fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit.

**46/0376/12/I** 17/01/2012 Risposta minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li dwar it-Telephone Box li hemm St. Patricks, biex din titwaqqa' jkun ahjar li jintalab il-permess tal-MEPA minhabba li hija biswit bini skedat.

8.134. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0376/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din ghandha titnaddaf u jingabru stimi biex isir bieb biex tinghalaq.

8.135. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.136. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0382/12/I** 17/01/2012 Email minghand Cetinje jinfurmaw lill-Kunsill li l-mawra li ser jaghmlu f'Malta issa ser issir l-ewwel nofs ta' Frar 2012.

8.137. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0382/12/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li minhabba mpenji tal-Kunsill u mpenji ohra fuq bazi nazzjonali li jista' jkun hemm il-Kunsill m'huwiex f'pozizzjoni li jilqa' din id-delegazzjoni fil-perjodu mitlub sakemm is-Sindku m'huwiex disponibbli li jiehu hsiebhom huwa stess.

8.138. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.139. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li saru laqghat tas-soltu ta' dawn il-Kumitati. Il-kelliem qal li sallum ghadu jiffunzjona il-Kumitat l-antik ta' l-LES li ghadu jamministra BISS il-flejjes li jidhlu tac-citazzjonijiet sa qabel l-1 ta' Settembru 2011.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fil-gimghat li gejja ssir attivita' edukattiva bi zjara fil-Gnien tal-Palazz Sant Anton u l-Kċina tal-Palazz. Il-kelliema pproponiet ukoll li l-bilanc pozittiv minn din l-attivita' u attivitajiet ohra simili li ser isiru tul is-sena 2012 ghandhom imorru ghall-Istrina.

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fil-gimghat li gejja jsir Coffee Morning ghar-residenti tal-lokal fil-facilitajiet ta' Pembroke Athleta.

10.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fil-gimghat li gejja l-Kunsill jibda jorganizza Story Telling nhar ta' Sibt filghodu. Il-kelliema qalet li hija lesta li taghti dan is-servizz.

10.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill Lokali Pembroke flimkien ma' l-Ghaqda Anzjani Pembroke ghandhom jorganizzaw Coffee Morning nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2012 fil-Great Dane bil-prezzijiet u l-programm ikun bhal tas-soltu.

10.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament .

## 11. Hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati.

11.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dan l-item ghandu jkun diskuss fil-laqgha li jmiss.

## 12. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarja ghas-sena 2012.

12.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigu kkonfermata l-Estimi Finanzjarja ghas-sena 2012 kif approvati fil-laqgha riferenza 29/K6/2011. Il-kelliem qal li fil-laqgha li jmiss ser jergghu jigu pprezentata l-estimi fil-format il-gdid kif qed jigi propost mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

12.02. Hadd ma' ssekonda.

## 13. Approvazzjoni tal-Business Plan ghas-snin 2012-2014.

13.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigi kkonfermat il-Business Plan ghas-snin 2012-2014 kif approvati fil-laqgha riferenza 29/K6/2011. Il-kelliem qal li fil-laqgha li jmiss ser jergghu jigu pprezentata l-estimi fil-format il-gdid kif qed jigi propost mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

13.02. Hadd ma' ssekonda.

## 14. Relazzjoni ma' Bergen fil-Germanja.

14.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ghalissa m'huwiex il-mument li jigu diskussa gemellaggi ohra.

14.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

14.04. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 15. Decizjoni dwar Tenders 08 u 10/2011, kwotazzjonijiet 29, 30, 33, 35 u 36/2011 u s-servizzi ta' Green Pak.

15.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dan l-item jigi diskuss darb'ohra.

15.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

15.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16. Approvazzjoni tal-kontijiet.

16.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. H, I u J)**

16.02. Il-Kunsillier Lauro Fava ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

16.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

16.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-kontijiet gew approvati kollha unanimament ghajr ghall-kontijiet tas-sur Shawn Farrugia fejn il-membri kollha vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

16.05. Il-kontijiet gew approvata.

## 17. Materji ohra.

17.01. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li tintalab informazzjoni lir-Regjun Tramuntana dwar jekk ic-CCTV ta' quddiem St. Michaels tahdimx kif ukoll kemm inhargu citazzjonijiet. Il-kelliem ippropona wkoll li r-Regjun ghandu jintalab jinstalla CCTV ohra fl-akwati ta' St. Catherine High School.

17.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

17.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fid-dawl li hadd m'ghandu l-hin li jiehu hsieb il-Kunsill taz-Zghazagh, hija talbet li dan jaqa' taht id-dikasteru taghha minhabba li s-suggett huwa wiehed t'edukazzjoni u kultura.

17.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jintroduci servizz ta' trasport cirkulari minn hdejn il-Kunsill lejn St. Patricks jinzel lejn il-Knisja ghal Triq il-Mediterran ghal San Gorg u lura minn Triq Burma lejn il-Kunsill fil-hinijiet tal-vizitaturi ta' l-isptar u l-hinijiet ta' waqt l-appuntamenti ta' filghodu. Il-kelliema ppproponiet ukoll li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz halli l-Kunsill ikun jaf xi spiza hemm.

17.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

17.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-possibilita' hija li l-Kunsill ikollu l-bzonn il-permess ta' TM biex din issir, dejjem jekk din hija permessibbli.

17.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li Mrs. Salafia fil-prezenza tas-Sindku qalet li ghandha zewg sigar tal-Christmas/Cypress li tixtieq jithawlu fil-fetha li hemm minn fejn tnehhew il-palm il-mejjet.

17.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dawn is-sigar ma jistghux jinqalghu, qabel isir dan il-Kunsill ghandu jikseb il-permess tad-Dipartiment u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob ghal dan il-permess.

17.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

17.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li bhal ma sar fis-snin li ghaddew il-Kunsill jorganizza Tornament tal-Futbol nhar id-19 ta' Marzu kif ukoll iehor f'Settembru ma' Roccalumera. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna ta' Pembroke Athleta FN biex dan ikun jista' jsir.

17.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

17.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm il-Kunsill kien approva li dak kollu li hemm perikoluz fil-gonna/bandli ghandu jitnehha mill-haddiem li l-Kunsill ghandu assenjat mieghu, jirrizulta li hafna mix-xoghol ma jistax isir u ghalhekk talab gwida minghand il-Kunsill.

17.19. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex isir BOQ u wara jingabru kwotazzjonijiet halli jitnehha l-apparat kollu li hemm fit-tlett postijiet.

17.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li meta jkun ser isir ix-xoghol ghandu jsir flyer ghar-residenti.

17.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm bzonn li jigu ordnata letter heads.

17.23. Il-Kunsillier Lauro Fava ppropona li jingabru l-kwotazzjonijiet necessarja.

17.24. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

17.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsiru tabelli fi Triq Cassino li jindika Juno Flats u St. Andrews House tabella One Way ghal Triq Cassino minn St. Andrews House u tabella tal-One way li minn Juno taghti ghal Triq Tunis.

17.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li ghandha titwahhal mera fi Triq Cassino faccata ta' Triq Camillo Sciberras.

17.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet biex l-HSBC jintalbu jirrangaw il-Merhba Sign ta' St. Patricks.

17.30. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex taht it-tabella li saret f'St. Patricks issir kitba li tindika li r-restrizzjoni ta' vetturi kbar ghajr biex jinghata servizz.

17.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghalaq il-laqgha fid-9.50pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 15 ta' Frar 2012 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***